



Brussell, 4 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11202/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0206 (BUD)**

FIN 819

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 410 final
Suġġett:	ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2 TAL-BAĠIT ĠENERALI 2025 Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tan-nefqa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 410 final.

Mehmuż: COM(2025) 410 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.7.2025
COM(2025) 410 final

2025/0206 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2025**

Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tan-nefqa

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)², u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2024³,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2025⁴, adottat fid-9 ta' April 2025,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2025.

BIDLJET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFOQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj>).

² ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

³ ĠU L, 2025/31, 27.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/budget/2025/31/oj>.

⁴ COM(2025) 350, 9.4.2025.

Werrej

1. INTRODUZZJONI	3
2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL	4
2.1 IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 2/2025 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRI BEJN L-ISTATI MEMBRI	4
2.2 REVIŻJONI TAT-TBASSIR TAL-BAŻIJET TAL-RPT, TAL-VAT, TAL-PPW U TAL-ING	5
2.3 KONTRIBUZZJONI TAR-RENJU UNIT	8
2.4 MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI	9
2.5 IMPATT FUQ IL-KONTRIBUZZJONI GĦAR-RIŻORSA PROPRA BBAŻATA FUQ L-ING GĦALL-2025	9
3. AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA	12
3.1 TISĦIĦ TAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)	12
3.2 AĠĠUSTAMENTI TAL-PROGRAMMI F'IMPENJI FL-INTESTATURI 1, 3 U 4	12
3.3 IT-TISĦIĦ TAL-LINJA BAĠITARJA TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA	13
3.4 AWTORITÀ GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS (AMLA)	14
4. FINANZJAMENT	14
5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	16

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2 għas-sena 2025 jaġġorna kemm in-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit. Fir-rigward tan-naħa tad-dħul, l-aġġornament iqis l-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

- it-tbassir aġġornat tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2025 li ġie approvat mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fit-26 ta' Mejju 2025. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat f'it wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
- id-dħul l-ieħor bħall-multi u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit.

Fir-rigward tan-naħa tan-nefqa, l-ABE 2/2025 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

- tisħiħ tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), wara aċċellerazzjoni tal-ħtiġijiet ta' pagament. Dan huwa xprunat mill-isforzi tal-Istati Membri biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-2023–2027, filwaqt li jiffinalizzaw ukoll l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (2014–2022);
- tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-programm Dwana fl-Intestatura 1, biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' inizjattivi politiċi ġodda fil-qasam tas-sistemi doganali ċentralizzati, u tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) fl-Intestatura 3, marbuta ma' investimenti tal-IT biex jitwettqu l-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti mill-Kummissjoni fi Frar 2025⁵. Dawn ir-rinforzi se jiġu kkompensati minn tnaqqis ekwivalenti fl-appropriazzjonijiet ta' impenn mill-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI) fl-Intestatura 4;
- tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-linja baġitarja tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja bħala rizzultat tal-ħtiġijiet addizzjonali marbuta mat-tnejjijiet għas-sħubija tal-Bulgarija fiż-żona tal-euro, bl-għan li jiġu kofinanzjati l-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-euro fil-Bulgarija;
- frontloading mill-2026 sal-2025 ta' għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal tal-Awtorità għall-Għieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) biex din l-aġenzija li għadha kif inħolqot tkun tista' tibda reklutaġġi mingħajr impatt fuq il-livell tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 2/2025 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 3.3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 3.5 biljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

⁵ COM(2025) 87, 26.2.2025.

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 2/2025 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

Il-previżjonijiet riveduti għall-2025 kienu maqbuli fil-194 laqgħa tal-KKRP fis-26 ta' Mejju 2025. L-aġġustamenti tan-naħa tad-dħul tal-baġit huma meħtieġa biex jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Value Added Tax, VAT), l-Iskart mhux irriċiklat mill-Imballaġġ tal-Plastik (Plastic Packaging Waste, PPW) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), filwaqt li jitqies it-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa (ara t-Taqsima 2.2).

Barra minn hekk, l-ammont ta' dħul ieħor huwa aġġornat biex iqis il-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit u l-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa b'mod definittiv mill-1 ta' Jannar 2025 (ara t-taqsimiet 2.3 u 2.4, rispettivament).

L-impatt globali tal-aġġustamenti tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella sommarja hawn taħt. Din it-tabella turi wkoll id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji fost l-Istati Membri kif ibbaġitjat fil-baġit inizjali tal-2025, kif inkluż fl-ABE 1/2025, u fl-aħħar nett kif inkluż f'dan l-ABE 2/2025.

Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f' miljun EUR)

	Baġit 2025	ABE 1/2025	ABE 2/2025
	(1)	(2)	(3)
BE	6 890,9	6 844,4	7 125,2
BG	929,8	922,4	977,8
CZ	2 753,6	2 731,0	2 732,3
DK	2 961,0	2 930,5	3 103,5
DE	33 695,7	33 362,2	33 605,4
EE	348,5	345,6	352,2
IE	3 605,0	3 573,7	3 435,8
EL	2 075,6	2 058,1	2 169,4
ES	14 183,6	14 066,9	14 990,3
FR	25 787,2	25 563,9	25 712,1
HR	740,5	734,1	783,8
IT	19 039,8	18 877,7	19 233,6
CY	273,9	271,7	292,2
LV	381,8	378,5	367,5
LT	685,0	679,3	718,5
LU	447,0	442,8	461,0
HU	2 006,0	1 990,2	1 904,2
MT	179,5	178,1	185,4
NL	9 243,1	9 161,7	9 664,6
AT	3 500,9	3 463,1	3 361,3
PL	7 952,6	7 888,6	8 045,7

PT	2 514,1	2 493,3	2 649,1
RO	3 117,1	3 089,9	3 182,4
SI	689,0	683,9	705,8
SK	1 094,9	1 085,0	1 210,2
FI	2 352,6	2 331,1	2 330,6
SE	3 712,2	3 668,8	3 768,5
UE	151 160,9	149 816,3	153 068,4

2.2 Reviżjoni tat-tbassir tal-bażijiet tal-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING

F'konformità mal-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament Finanzjarju⁶, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' tbassir ekonomiku aktar reċenti. Skont il-prattika stabbilita, it-tbassir rivedut tad-dħul huwa miftiehem mal-Istati Membri fil-proċedura ta' tbassir tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna t-tbassir tar-RPT li jrid jitħallas lill-baġit fl-2025 kif ukoll it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT, PPW u tal-ING għall-2025. Il-previżjoni inkluża fil-baġit adottat tal-2025 ġiet maqbula fil-191 laqgħa tal-KKRP li saret fit-23 ta' Mejju 2024. Ir-reviżjoni f'dan l-ABE 2/2025 tqis il-previżjonijiet maqbula tal-194 laqgħa tal-KKRP li saret fis-26 ta' Mejju 2025. L-użu ta' previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji jtejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tad-dħul u konsegwentement tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu għall-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tad-dħul tal-Kummissjoni huma bbażati fuq it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni⁷. L-ekonomija tal-UE hija mbassra li tkompli tikber b'rata modesta din is-sena, bit-tkabbir mistenni li jiżdied fl-2026 minkejja inċertezza akbar fil-politika globali u tensjonijiet kummerċjali. L-inflazzjoni qed tkompli tonqos u hija mistennija li tilħaq il-mira tal-BĊE ta' 2 % din is-sena. Ir-riskji għadhom imxaqilba 'l isfel hekk kif it-tensjonijiet globali jistgħu jeskalaw.

It-tbassir tar-Rebbiegħa jipprojetta tkabbir tal-PDG reali fl-2025 ta' 1.1 % fl-UE u 0.9 % fiż-żona tal-euro — ġeneralment l-istess rati miksuba fl-2024. Dan jirrappreżenta tnaqqis konsiderevoli meta mqabbel mat-Tbassir tal-Ħarifa 2024, l-aktar minħabba l-impatt taż-żieda fit-tariffi u l-inċertezza akbar ikkawżata mill-bidliet f'daqqa reċenti fil-politika kummerċjali tal-Istati Uniti u l-imprevedibbiltà tal-konfigurazzjoni finali tat-tariffi. Minkejja dawn l-isfidi, it-tkabbir tal-PDG tal-UE huwa mistenni li jiżdied għal 1.5 % fl-2026, appoġġat minn tkabbir kontinwu fil-konsum u rkupru tal-investment.

It-tbassir tar-RPT jibni fuq il-projezzjonijiet tal-importazzjonijiet barra mill-UE fit-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni. Fl-2024, it-tkabbir aktar b'saħħtu milli mistenni fiċ-Ċina u l-prestazzjoni robusta fl-Istati Uniti mbuttaw it-tkabbir tal-PDG reali globali (esklużi l-UE) għal 3.6 %. Meta wieħed iħares' il quddiem, il-momentum tat-tkabbir huwa mistenni li jiddgħajjef. It-tkabbir globali barra mill-UE huwa pproġettat li jkun ta' 3.2 % kemm għall-2025 kif ukoll għall-2026, taħt it-3.6 % antiċipat fil-ħarifa. Għalkemm it-tkabbir kummerċjali baqa' robust fl-ewwel trimestru tal-2025, x'aktarx minħabba xiri bil-quddiem qabel it-tariffi, il-kummerċ globali (barra mill-UE) huwa mistenni li jespandi b'rata ferm inqas mill-attività ekonomika globali matul il-perjodu ta' tbassir.

Ix-xenarju ekonomiku sottostanti għall-baġit tal-2025 huwa l-bażi tal-aħħar stimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u l-bażijiet stmati tar-riżorsi proprji l-oħra:

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, 2025, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2025, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 318.

- Id-dazji doganali totali li għandhom jinġabru fl-2025, nett minn 25 % tal-kostijiet tal-ġbir, huma mbassra għal EUR 20 878,6 miljun, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 1,0 % meta mqabbel mat-tbassir ta' EUR 21 082,0 miljun inklużi fil-baġit tal-2025. Il-Kummissjoni qabblat ir-riżultati tal-metodu ta' previżjoni tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq ir-rati ta' tkabbir imbassra ta' importazzjonijiet barra l-UE) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni (ibbażat fuq l-aħħar data tal-eżitu għad-dazji doganali miġbura, jiġifieri Jannar – April 2025). Bħal fis-snin li għaddew, il-Kummissjoni tiegħu approċċ konservattiv, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE f'kuntest ta' volatilità u ta' inċertezzi ekonomiċi u finanzjarji għoljin. Għalhekk, qed jiġi propost li jintuża l-metodu ta' tbassir tradizzjonali għar-reviżjoni tat-tbassir tar-RPT tal-2025. Dan jirriżulta fi dħul marġinalment aktar baxx ta' EUR 0.2 biljun meta mqabbel mal-Baġit 2025 adottat.
- Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2025 hija mbassra li tkun ta' EUR 7 987 388.2 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2.3 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2024 ta' EUR 8 178 934.6 miljun imdaħħla fil-baġit adottat tal-2025. Il-bażi totali tal-VAT⁸ limitata tal-UE għall-2025 hija prevista li tkun EUR 7 938 170,6 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2,4 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2024 ta' EUR 8 131 540,0 miljun. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq ir-riżorsa proprja limitata bbażata fuq il-VAT huma ppreżentati fit-Tabelli 2 u 6 tal-anness baġitarju li jakkumpanjahom.
- It-previżjoni tal-PPW mhux riċiklat fl-UE jammonta għal 9 449 256,7 tunnellata fl-2025, li huwa tnaqqis ta' 3,5 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2024 ta' 9 790 925,7 tunnellata. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux riċiklati huma ppreżentati fit-Tabelli 3 u 6 tal-anness baġitarju li jakkumpanjah.
- Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2025 hija prevista għal EUR 18 544 533,7 miljun, jiġifieri żieda żgħira ta' 0,5 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2024 ta' EUR 18 444 991,2 miljun.

Ir-rati tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2024 intużaw biex it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT u l-ING jinqalbu mill-muniti nazzjonali għal EUR, għas-seba' Stati Membri li mhumiex membri fiż-żona tal-euro. Dan jevita distorsjonijiet, peress li dawn ir-rati huma l-istess bħal dawk użati għall-konverżjoni tal-pagamenti tar-riżorsi proprji bbaġitjati mill-EUR f'muniti nazzjonali meta l-ammonti jintalbu, kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014⁹.

Il-previżjonijiet riveduti tar-RPT, il-bażijiet tal-VAT mhux limitati, il-bażijiet tal-PPW mhux riċiklati u l-bażijiet tal-ING għall-2025, kif adottati fil-194 laqgħa tal-KKRP, huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

⁸ L-Artikolu 2(1), punt (b) tal-ORD 2020 jistipula li l-bażi tal-VAT għal kull Stat Membru m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-ING. Għall-ABE 2/2025, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/609/oj>), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/615 tal-5 ta' April 2022 (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/615/oj>).

Previżjonijiet riveduti tal-bażijiet tar-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING għall-2025

	Dwana (75 %)	Bażijiet tal- VAT mhux limitati	Bażijiet tal- PPW mhux irriċiklat	Bażijiet tal- ING	Bażijiet tal- VAT limitati¹⁰
	f' miljuni ta' EUR		tunnellati	f' miljuni ta' EUR	
BE	2 414,9	242 960,1	170 848,0	643 991,4	242 960,1
BG	134,7	55 830,5	87 669,3	106 413,7	53 206,9
CZ	346,7	133 413,7	141 805,8	318 930,8	133 413,7
DK	392,5	153 370,4	168 243,8	430 779,0	153 370,4
DE	3 961,5	1 860 530,2	1 560 637,0	4 564 313,5	1 860 530,2
EE	33,3	21 581,6	23 346,4	40 726,9	20 363,5
IE	436,2	139 643,2	245 358,6	399 384,3	139 643,2
EL	282,8	108 367,1	177 245,2	243 316,8	108 367,1
ES	1 980,1	758 468,3	1 187 191,7	1 662 759,2	758 468,3
FR	1 970,5	1 399 344,8	1 744 099,3	3 039 807,3	1 399 344,8
HR	68,0	54 205,2	57 002,4	91 450,9	45 725,5
IT	2 226,0	953 830,8	1 180 664,8	2 242 071,3	953 830,8
CY	46,0	24 125,5	13 643,4	31 904,7	15 952,4
LV	44,5	20 350,5	27 823,9	41 144,8	20 350,5
LT	91,1	34 633,3	60 831,5	81 046,3	34 633,3
LU	15,2	46 632,5	13 786,3	58 199,2	29 099,6
HU	227,7	79 312,8	299 165,9	205 894,6	79 312,8
MT	19,8	11 361,5	14 909,2	20 761,5	10 380,8
NL	3 221,2	499 764,0	266 974,5	1 181 192,8	499 764,0
AT	211,0	240 404,2	206 872,5	493 506,8	240 404,2
PL	1 153,8	389 614,4	683 974,8	886 542,4	389 614,4
PT	252,7	157 286,3	287 871,6	294 154,0	147 077,0
RO	296,0	135 991,7	386 302,6	373 417,3	135 991,7
SI	175,4	32 045,5	31 861,1	69 517,2	32 045,5
SK	200,4	58 380,7	67 432,7	133 619,8	58 380,7
FI	141,7	130 137,0	109 231,0	286 612,9	130 137,0
SE	534,9	245 802,4	234 463,4	603 074,3	245 802,4
UE	20 878,6	7 987 388,2	9 449 256,7	18 544 533,7	7 938 170,6

¹⁰ L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

2.3 Kontribuzzjoni tar-Renju Unit

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għandha titħallas f'konformità mal-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (“il-Ftehim dwar il-ħruġ”)¹¹ u tkopri b'mod partikolari s-sehem tar-Renju Unit fl-impenji pendenti ta' qabel l-2021 li għandhom jitħallsu fl-2025 kif ukoll sehem ir-Renju Unit fl-obbligazzjonijiet tal-Unjoni (bħal pensjonijiet) u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit tinkludi wkoll l-ammonti dovuti lir-Renju Unit relatati mal-korrezzjonijiet tar-riżorsi proprji u l-aġġustamenti għas-snin finanzjarji sal-2021.

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija bbażata fuq is-sehem tar-Renju Unit¹², li huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji li saru disponibbli mir-Renju Unit fis-snin bejn l-2014 u l-2020 u r-riżorsi proprji li saru disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u r-Renju Unit. Is-sehem tar-Renju Unit għe aġġustat fl-2022 f'konformità mal-Artikolu 139 tal-Ftehim dwar il-ħruġ. Is-sehem definittiv tar-Renju Unit għe stabbilit għal 12,431681219587700 %.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit għall-baġit tal-2025. Dan jinkludi l-elementi li r-Renju Unit diġà ħallas f'Jannar-Mejju 2025 bħala parti mill-fattura ta' Settembru 2024, l-elementi inklużi fil-fattura ta' April 2025, u stimi għall-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru 2025 li huma magħrufa f'dan l-istadju. L-aġġornament jirriżulta f'kontribuzzjoni kemxejn aktar baxxa mir-Renju Unit meta mqabbla mal-istima inkluża fil-baġit tal-2025, prinċipalment minħabba l-ammonti rrapportati ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, korrezzjonijiet finanzjarji netti u multi. L-ammont rivedut tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit inkluż fl-ABE 2/2025 huwa kkalkulat billi jitqiesu l-modalitajiet ta' pagament stabbiliti fl-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

Għalhekk qed jiġi propost li l-istima introdotta fil-baġit tal-2025 tiġi aġġornata kif xieraq. B'mod ġenerali, dan se jnaqqas il-kontribuzzjoni stmata tar-Renju Unit għall-baġit tal-2025 b'EUR 25 miljun li tirriżulta mit-tnaqqis ta' EUR 28 miljun fi dħul ġenerali u ż-żieda ta' EUR 3 miljun fi dħul assenjat.

Kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit fl-2025 (f'EUR)

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-ħruġ	2025
Total tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit fl-2025, li minnhom:		1 531 558 230
1. RAL qabel l-2021 (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji netti) - dovuti għall-pagament fl-2025	Art. 140	1 962 577 295
2. Obligazzjonijiet tal-Unjoni/pensjonijiet*	Art.142	333 909 059
3. Korrezzjonijiet u aġġustamenti tar-riżorsi proprji, li minnhom:		-112 481 913
3.1 Surplus/defiċit tal-2020	Art.136(3)(a)	<i>mhux applikabbli</i>
3.2 Aġġornamenti tal-korrezzjoni tar-Renju Unit (2018-2019)	Art.136	<i>mhux applikabbli</i>
3.3. VAT U ING	Art.136	-129 385 294
3.4. RPT	Art.136, Art. 140(4)	16 903 381
4. Multi	Art.141	-430 713 697
5. Obligazzjonijiet kontinġenti, li minnhom:		-179 528 681
5.1 ELM, EFSI, EFSD, self (Fondi ta' garanzija)	Art.143	-190 618 069
5.2 Strumenti Finanzjarji	Art.144	-57 908 118
5.3 Każijiet legali (inkluż multi)	Art.147	68 997 506
6. Assi Netti tal-KEFA	Art.145	-36 874 795
7. Investiment tal-FEI	Art.146	-6 648 463
8. Access għan-networks/sistemi/bażijiet tad-data**	Art.34(2), Art. 50 u 53, Art. 62(2), Art. 63(1)(e), Art. 63(2), Art.99(3),Art. 100(2)	1 319 424

¹¹ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.01.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign).

¹² Imsemmi fl-Artikolu 136(3), il-punti (a) u (c), u fl-Artikoli minn 140 sa 147 tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-ħruġ	2025
* L-ammont ta' EUR 306 miljun se jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat.		
** Għandu jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat.		

2.4 Multi u pagamenti ta' penali

Meta jitqiesu l-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa mill-1 ta' Jannar 'l hawn, qed jiġi propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2025:

- EUR 409 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.
- EUR 36 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas taġġhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.
- EUR 54 miljun ta' redditi negattivi fuq multi kkanċellati jew imnaqqsa.

Għaldaqstant huwa propost li t-tbassir inizjali introdott fil-baġit tal-2025 ta' EUR 101 miljun jizjed b'EUR 291 miljun u b'hekk jammonta għal total ta' EUR 392 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2025	ABE 2/2025	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	100 000 000	309 213 301	409 213 301
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	p.m.	35 915 569	35 915 569
4 2 4	Imgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali	1 000 000	-1 000 000	0
4 2 5	Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi dwar multi kkanċellati jew imnaqqsa	p.m.	-53 553 502	-53 553 502
4 2 9	Multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn	p.m.	0	0
Total		101 000 000	290 575 368	391 575 368

2.5 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2025

B'kont meħud tal-previżjonijiet riveduti għar-RPT, għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u għar-riżorsa proprja bbażata fuq PPW mhux riċiklati, l-ammont ta' riżorsi proprji minbarra l-ING naqas b'EUR 1 056 848 116. Flimkien maż-żieda ta' dħul ieħor b'EUR 262 916 406 (bħala l-effett ikkombinat taż-żieda fid-dħul mill-multi b'EUR 291 miljun u t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit b'EUR 28 miljun) u ż-żieda fl-approprijazzjonijiet ta' pagament b'EUR 3 515 000 500, dan iżid il-kontribuzzjoni tal-ING b'EUR 4 308 932 210 meta mqabbla mal-ABE 1/2025.

Sabiex jiġi rispettata il-prinċipju tal-ekwilibriju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea minqux fl-Artikolu 310(1) TFUE, ir-rata uniformi li għandha tiġi applikata għas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha trid tiġi kkalkulata mill-ġdid filwaqt li jitqies id-dħul l-ieħor kollu.

Ir-rata uniformi kkalkulata mill-ġdid għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING hija ffissata kif ġej:

Rata uniformi li għandha tiġi applikata fuq 1 % tal-ING = (nefqa totali – dħul ieħor – ammont nett totali tar-RPT – riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT – kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-PPW mhux irriċiklat) / 1 % tal-ING

Rata uniformi:

$$= (158\,724\,322\,482 - 5\,655\,892\,524 - 20\,878\,600\,000 - 23\,814\,511\,650 - 6\,848\,152\,160) / 185\,445\,337\,000$$

$$= 0,547477589840935$$

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta titqies ir-rata uniformi l-għdida huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Sena baġitarja 2025 (f'EUR)

Stat Membru	1 % tal-bażi tal-ING użata għall-ABE 1/2025	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 1/2025	1 % tal-bażi tal-ING (Previżjoni tal-KKRP maqbula)	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 2/2025	Differenza fl-ING
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5) = (3 x 4) - (1 x 2)
BE	6 373 532 000	0,5270712	6 439 914 000	0,5474776	166 403 524
BG	1 016 864 000		1 064 137 000		46 631 445
CZ	3 105 884 000		3 189 308 000		109 052 692
DK	4 183 696 000		4 307 790 000		153 312 873
DE	45 754 657 000		45 643 135 000		872 632 197
EE	402 230 000		407 269 000		10 966 808
IE	4 305 400 000		3 993 843 000		- 82 712 746
EL	2 396 683 000		2 433 168 000		68 882 400
ES	16 010 458 000		16 627 592 000		664 582 901
FR	30 632 824 000		30 398 073 000		496 584 855
HR	879 236 000		914 509 000		37 253 221
IT	22 236 829 000		22 420 713 000		554 446 075
CY	303 168 000		319 047 000		14 879 966
LV	441 106 000		411 448 000		- 7 235 704
LT	773 462 000		810 463 000		36 040 796
LU	573 891 000		581 992 000		16 146 167
HU	2 169 944 000		2 058 946 000		- 16 488 164
MT	201 752 000		207 615 000		7 326 894
NL	11 174 919 000		11 811 928 000		576 788 058
AT	5 186 936 000		4 935 068 000		- 32 045 377
PL	8 789 073 000	8 865 424 000	221 153 831		
PT	2 849 768 000	2 941 540 000	108 396 629		

RO	3 734 533 000		3 734 173 000		76 011 295
SI	696 184 000		695 172 000		13 652 564
SK	1 351 469 000		1 336 198 000		19 218 092
FI	2 942 462 000		2 866 129 000		18 254 460
SE	5 962 952 000		6 030 743 000		158 796 458
Total	184 449 912 000		185 445 337 000		4 308 932 210

3. AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA

3.1 Tisħiħ tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

L-approprijazzjonijiet ta' pagament inizjalment inklużi fil-baġit tal-2025 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet kawti, li jirriflettu n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-programmi fis-snin preċedenti. Madankollu, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li waslu s'issa u l-aħħar previżjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri fl-aħħar ta' Jannar 2025, bħalissa huwa stmat defiċit ta' pagamenti fi tmiem is-sena ta' EUR 3.5 biljun.

L-eżekuzzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027 issa qed taċċellera, u tagħmel tajjeb għas-sottoeżekuzzjoni fl-ewwel snin ta' dan il-perjodu ta' programmazzjoni. Il-Kummissjoni tistma hteġa addizzjonali f'pagamenti li jammontaw għal EUR 1.78 biljun fl-2025 minbarra l-approprijazzjonijiet tal-baġit ivvutati.

Bl-istess mod, il-pass tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għall-programmi tal-FAEŻR 2014-2022 qabeż l-aspettattivi fl-ewwel nofs tal-2025 u din l-aċċellerazzjoni hija mistennija li tiġi sostnuta matul is-sena. Huwa antiċipat defiċit ta' EUR 1.73 biljun fi tmiem is-sena. Dawn l-iżviluppi huma xprunati mill-isforzi tal-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-eżekuzzjoni u jevitaw id-diżimpenji qabel l-għeluq tal-programmi fl-2026.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	0	1 784 000 000
08 03 01 02	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali taħt il-programmi 2014–2022	0	1 730 000 000
Total		0	3 514 000 000

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni fil-baġit kollu. Wara s-sajf, se tieħu kont tal-previżjonijiet aġġornati tal-Istati Membri għall-Koeżjoni (li għandhom jiġu pprovduti sal-aħħar ta' Lulju) u tal-implimentazzjoni attwali tal-baġit sa Settembru, bħala parti mill-eżerċizzju ta' Trasferiment Globali biex l-approprijazzjonijiet tal-baġit jiġu aġġustati għall-ħtiġijiet aġġornati ta' tmiem is-sena għall-programmi kollha.

3.2 Aġġustamenti tal-programmi f'impempenji fl-Intestaturi 1, 3 u 4

Huwa meħtieġ tisħiħ tal-programm Dwana fl-Intestatura 1 għal ammont ta' EUR 60 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi politiċi ġodda fil-qasam tas-sistemi doganali ċentralizzati, inkluż għall-kummerċ elettroniku u t-tnejn tal-Pjattaforma tad-Data Doganali, kif ukoll għal għadd ta' inizjattivi iżgħar bħall-prova elettronika tal-orijini, id-diġitalizzazzjoni tal-prekursuri tad-droga, il-mobbiltà tat-tagħmir militari, l-esportazzjoni ta' beni kulturali u l-modernizzazzjoni tan-network komuni.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) fl-Intestatura 3 għal ammont ta' EUR 8.35 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn wara l-proposta tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni tas-CBAM¹³. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tiffinanzja l-miżuri meħtieġa biex tissimplifika u tirrazzjonalizza r-rekwiżiti amministrattivi tas-CBAM, inkluż l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tnaqqis tar-riskju u ta'

¹³ COM(2025) 87 final, 2025/0039 (COD)

monitoraġġ, u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi. It-tisħiħ se jintuża wkoll biex ikopri l-kostijiet tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u l-istudji relatati mas-simplifikazzjoni tas-CBAM.

Dawn ir-rinforzi se jiġu kkompensati minn tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI) fl-Intestatura 4. Għe identifikat iffrankar fis-CCEI minħabba proċeduri ta' akkwist nazzjonali estenzi jew nuqqasijiet fil-provvista ta' tagħmir rilevanti fis-suq globali, li kkawżaw dewmien fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
03 05 01	Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)	60 000 000	0
09 20 04 01	Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri	8 350 000	0
11 03 01	Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali	- 68 350 000	0
Total		0	0

3.3 It-tisħiħ tal-linja baġitarja tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja

Il-Bulgarija tinsab fit-triq it-tajba biex tissieħeb fiż-żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2026. Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Rapport ta' Konverġenza pożittiv fl-4 ta' Ġunju¹⁴ li jikkonferma li l-Bulgarija ssodisfat il-kriterji kollha għall-adozzjoni tal-munita unika. Dan ser jiġi segwit minn opinjoni mill-Parlament Ewropew fis-7 ta' Lulju u deċiżjoni finali mill-Kunsill ECOFIN fit-8 ta' Lulju. Soġġett għal deċiżjoni pożittiva, se jkunu meħtieġa attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jikkontribwixxu għal informazzjoni f'waqtha, immirata u konċiża għaċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet dwar l-aspetti prattiċi tal-bidla għall-euro u l-benefiċċji tal-introduzzjoni tagħha.

Kif kien il-każ f'bidliet preċedenti għall-euro, u f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija fit-12 ta' April 2024, il-Kummissjoni se tikkofinanzja l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Bulgarija għal massimu ta' 50 % tal-ispejjeż imġarrba. L-ispejjeż totali jikkorrispondu għal EUR 1 għal kull resident.

Il-linja baġitarja ddedikata 06 20 04 01 “Koordinazzjoni u sorveljanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u komunikazzjoni dwarha, inkluż l-euro” hija ffinanzjata taħt is-subintestatura 2b (Reżiljenza u Valuri). Livell limitat ħafna ta' appropriazzjonijiet huwa disponibbli għal dan l-għan kull sena, li diġà huma allokatu għal azzjonijiet rikorrenti madwar iż-żona tal-euro. Sabiex tiġi koperta din in-nefqa eċċezzjonali ġdida, huwa meħtieġ tisħiħ ta' EUR 3.3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn, filwaqt li huwa meħtieġ ukoll tisħiħ ta' EUR 1 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament biex ikopri l-prefinanzjament lill-Bulgarija fl-2025.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
06 20 04 01	Koordinazzjoni u sorveljanza tal-unjoni ekonomika u monetarja inkluż il-euro, u komunikazzjoni dwarha	3 335 000	1 000 500
Total		3 335 000	1 000 500

¹⁴ Dokument Istituzzjonali 320, Ġunju 2025.

3.4 Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

L-awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)¹⁵ tinsab fil-fażi tal-bidu tagħha. Filwaqt li negozjati twal biex tiġi stabbilita l-Awtorità fi Frankfurt wasslu għal xi dewmien meta mqabbel mal-iskeda ta' żmien inizjalment prevista għall-introduzzjoni gradwali tal-attivitajiet tagħha, l-iżvilupp tal-AMLA għamel progress sinifikanti fl-2025. Il-proċess inizjali ta' reklutaġġ estern ta' aġenti temporanji għar-rwol ta' esperti dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AML) beda f'Jannar 2025, u reċentement ġiet stabbilita lista ta' riżerva ta' 60 kandidat.

Sabiex l-AMLA tkun tista' twettaq il-kompiti stabbiliti fir-Regolament fundatur tagħha mingħajr dewmien u biex tiżgura li l-iskadenzi legali stabbiliti għal Lulju 2026 ikunu jistgħu jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu antiċipati 30 pożizzjoni fit-tabella tal-persunal li ġew allokatil lill-AMLA għall-2026, u li għalihom l-Awtorità diġà stabbiliet lista ta' riżerva ta' kandidati xierqa. Barra minn hekk, qed jiġi propost li żewġ pożizzjonijiet AST 3 jiġu aġġornati għal AST 5.

Minħabba ż-żmien tal-bidla fit-tabella tal-persunal u d-durata tal-proċedura ta' reklutaġġ (inklużi l-perjodi ta' avvizz), il-ħtiġijiet baġitarji relatati għall-AMLA fl-2025 se jkunu baxxi ħafna u għalhekk il-pożizzjonijiet addizzjonali fit-tabella tal-persunal jistgħu jiġu ffinanzjati fi ħdan il-kontribuzzjoni eżistenti tal-baġit tal-UE għall-2025. Għalhekk, dan il-forniment minn qabel tal-persunal huwa newtrali għall-baġit tal-UE. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-2026 lill-Awtorità se tibqa' mhux affettwata, peress li l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal diġà mitluba għall-2026 mhux se jinbidel u l-ħtiġijiet tas-salarji għall-persunal jistgħu jiġu akkomodati fil-kontribuzzjoni ppjanata tal-baġit tal-UE għall-2026.

It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 2/2025 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 3.3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 3 515.0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. In-naħa tad-dħul tal-baġit hija proposta li tiġi aġġustata kif stabbilit f'dan l-ABE 2/2025.

Minħabba n-nuqqas ta' marġini u spazju għar-riallokazzjoni taħt is-subintestatura 2b, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093¹⁶ għal ammont ta' EUR 3.34 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għas-subintestatura 2b, sabiex tissaħħaħ il-linja baġitarja tal-UEM.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2025 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2022 sa 2025 huma stmati għal EUR 1 399,81 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

<i>Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f' miljuni ta' EUR)</i>					
<i>Sena ta' mobilizzazzjoni</i>	2025	2026	2027	Lil hinn mill-QFP	Total
2022	36,7	0,0	0,0	0,0	36,7
2023	120,6	83,2	0,0	0,0	203,8
2024	107,6	83,7	46,3	0,0	237,5
2025	1 134,9	15,8	9,4	5,7	1 165,8
Total	1 399,8	182,7	55,7	5,7	1 643,9

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

	Baġit 2025 (inkluż ABE 1/2025)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 2/2025		Baġit 2025 (inkl. ABE 1-2/2025)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 480 062 907	20 460 646 037	60 000 000		21 540 062 907	20 460 646 037
<i>Limitu</i>	21 596 000 000				21 596 000 000	
<i>Marġni</i>	115 937 093		-60 000 000		55 937 093	
2 Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	77 980 175 680	44 445 178 937	3 335 000	1 000 500	77 983 510 680	44 446 179 437
<i>Limitu</i>	75 697 000 000				75 697 000 000	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	1 141 593 584		3 335 000		1 144 928 584	
<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	1 141 582 096				1 141 582 096	
<i>Marġni</i>						
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	66 365 744 035	33 260 377 346			66 365 744 035	33 260 377 346
<i>Limitu</i>	66 361 000 000				66 361 000 000	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	4 744 035				4 744 035	
<i>Marġni</i>						
2b. Reżiljenza u valuri	11 614 431 645	11 184 801 591	3 335 000	1 000 500	11 617 766 645	11 185 802 091
<i>Limitu</i>	9 336 000 000				9 336 000 000	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	1 136 849 549		3 335 000		1 140 184 549	
<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	1 141 582 096				1 141 582 096	
<i>Marġni</i>						
3 Riżorsi Naturali u Ambjent	56 731 317 594	52 091 510 102	8 350 000	3 514 000 000	56 739 667 594	55 605 510 102
<i>Limitu</i>	57 336 000 000				57 336 000 000	
<i>Marġni</i>	604 682 406		-8 350 000		596 332 406	
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	39 975 892 542	40 030 717 961			39 975 892 542	40 030 717 961
<i>Sublimitu massimu tal-FAEG</i>	41 646 000 000				41 646 000 000	
<i>Differenza dovuta għall-ittondjar eskluża mill-kalkolu tas-submargni</i>	72 000				72 000	
<i>Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	-1 117 072 000				-1 117 072 000	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sublimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	40 529 000 000				40 529 000 000	
<i>Submargni tal-FAEG</i>	553 107 458				553 107 458	
4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	4 791 148 024	3 203 947 754	-68 350 000		4 722 798 024	3 203 947 754
<i>Limitu</i>	4 781 000 000				4 781 000 000	
<i>Marġni</i>	79 851 976		68 350 000		148 201 976	
5 Sigurtà u Difiża	2 632 589 260	2 143 154 694			2 632 589 260	2 143 154 694
<i>Limitu</i>	2 617 000 000				2 617 000 000	

	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	15 589 260				15 589 260	
	<i>Marġni</i>						
6	Viċinat u d-Dinja	16 308 245 797	14 426 257 975			16 308 245 797	14 426 257 975
	<i>Limitu</i>	16 303 000 000				16 303 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	5 245 797				5 245 797	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>						
	<i>Marġni</i>						
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	12 845 030 641	12 845 030 641			12 845 030 641	12 845 030 641
	<i>Limitu</i>	12 124 000 000				12 124 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	721 030 641				721 030 641	
	<i>Marġni</i>						
	li minnhom: Nefqa amministrattiva istituzzjonijiet tal-	9 720 485 985	9 720 485 985			9 720 485 985	9 720 485 985
	<i>Sublimitu</i>	9 219 000 000				9 219 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	501 485 985				501 485 985	
	<i>Submargni</i>						
	Appropriazzjonijiet għall-intestaturi	192 768 569 903	149 615 726 140	3 335 000	3 515 000 500	192 771 904 903	153 130 726 640
	<i>Limitu</i>	190 544 000 000	175 378 000 000			190 544 000 000	175 378 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	1 162 428 641	1 398 811 957	3 335 000	1 000 500	1 165 763 641	1 399 812 457
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	721 030 641				721 030 641	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	1 141 582 096	1 141 582 096			1 141 582 096	1 141 582 096
	<i>Marġni</i>	800 471 475	28 302 667 913		-3 514 000 000	800 471 475	24 788 667 913
	Strumenti speċjali tematiċi	6 669 866 079	5 593 595 842			6 669 866 079	5 593 595 842
	Appropriazzjonijiet totali	199 438 435 982	155 209 321 982	3 335 000	3 515 000 500	199 441 770 982	158 724 322 482